MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 59/2009

**Il-Pulizija
Vs
Jason Briffa**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Stephanie Briffa tas-26 ta' Marzu, 2008.

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xhur ta' Jannar 2007, Frar 2007, Marzu 2007 u April 2007, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi w li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jaghti l-manteniment li l-ammont hu ta' LM150 fix-xahar ghal Stephanie Aquilina (Sic!) ghaliha w jew ghal wild minuri, w naqas li jaghti LM50 spejjez ta' l-iskola, skond id-digriet numru 1728/03 mahrug mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D

mill-Qorti Civili tas-Second'Awla, dan bi ksur ta' l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza [recte : provvediment] tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar, 2009, li bih, wara li rat l-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ordnat, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28H(5) tal-Ligijiet ta' Malta, li tidhol fis-sehh b'effett immedjat is-sentenza ta' prigunerija sospiza moghtija lilu fis-16 ta' Frar, 2009 [recte : "fit-28 ta' Novembru, 2007"].

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Frar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, u tirrevoka s-sentenza appellata fejn din irrendiet effettivi x-xahrejn prigunerija mposti fuqu b'sentenza precedenti tat-28 ta' Novembru, 2007 u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' : 1. Li l-prosekuzzjoni ma rmexxiliex tipprova l-kaz taghha stante li ma gietx esebita kopja formali tas-sentenza li nghatatlu fit-28 ta' Novembru, 2007 u 2. Li fl-ahhar xhur, l-appellant kien fl-impossiblita' li jkompli jissomministra manteniment minnhabba li fil-prezent qed jinzamm isegwi programm ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza tieghu fuq id-droga w anki kien mizmum fil-Forensic Ward tal-Isptar Monte Carmeli, pero' hu kien ser jaghmel l-almu tieghu biex ihallas dak minnu dovut fil-pendenza tal-appell.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-Ewwel aggravju;

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel aggravju jigi rilevat li din il-procedura emanat minn rikors guramentat ta' Stephanie Briffa tas-26

ta' Marzu, 2008, fejn allegat li zewgha ma kienx hallasha l-manteniment minkejja li kien hemm sentenza tat-28 ta' Novembru, 2007, fejn l-appellant kien gie kundannat ghal xaharejn prigunerija sospiza b' sena u b' dan li l-appellant kellu jhallas l-ammont ta' Ewro 1397.62 jew LM600 fi zmien xaharejn a tenur tal-artikolu 28H tal-Kap.9.

Illi flimkien mac-citazzjoni kienet giet esebita jew inserita fotokopja tal-komparixxi w n-notamenti tal-Magistrat di proprio pugno meta inghatat dik is-sentenza (Fol.2).

L-Ewwel Qorti, wara li semghet ix-xhieda ta' Stephanie Aquilina (Sic!) li xehdet li ma kienetx thallset kif ukoll ix-xhieda ta' Vicky Scicluna, ghan-nom tas-Sedqa, u wara li semghet lill-appellant li *"rega' ammetta dawn l-akkuzi kontra tieghu",* iddecidiet fuq ir-rikors billi ordnat li s-sentenza sospiza tidhol fis-sehh b' effett immedjat skond l-artikolu 28H(5).

Proprjament li kellu jsir kien li jerga' jinfetah il-process li kien gie konkjuz bis-sentenza tat-28 ta' Novembru, 2007, jigi nserit fih ir-rikors fuq imsemmi w jizdiedu mieghu l-atti l-ohra kollha relattivi w sussegwenti b' mod li finalment fl-atti tal-process originali jkun hemm il-provvediment tal-Ewwel Qorti skond is-sub inciz (5) tal-artikolu 28H tal-Kap.9.

Kieku sar kif kellu jsir, ma kienx ikun hemm il-htiega li terga' tigi esebita kopja formali tas-sentenza tat-28 ta' Novembru, 2007, ghax il-proceduri mibdija bir-rikors kienu jkunu kontinwazzjoni tal-process originali li kien inghalaq bl-istess sentenza li suppost kienet fl-istess process.

Minnflok jidher li nfetah process gdid u fih giet biss inserita fotokopja tal-komparixxi originali w tan-notamenti tal-magistrat meta nghatat is-sentenza. Din biex taqghad lanqas hi certifikata bhala vera kopja awtentika tas-sentenza.

Inoltre fil-parti dispozittiva tas-sentenza jew provvediment appellat, l-Ewwel Qorti qalet bi zball li kienet qed issib lill-appellant hati li naqas milli jikkonforma ruhu mad-direttiva

moghtija lilu fis-sentenza taghha datata **<u>"16 ta' Frar, 2009"</u>** minnflok id-data korretta u cioe' "28 ta' Novembru, 2007". Ovvjament ikkonfondiet id-data mad-data tal-provvediment appellat.
Ghalhekk jidher li giet segwita procedura monka ghall-ahhar u fil-fehma ta' din il-Qorti dan id-difett sostanzjali ta' formalita' procedurali ghandu jwassal biex tigi annullata s-sentenza ossia provvediment appellat tas-16 ta' Frar, 2009.

F' dan is-sens u kif issa precizat , l-ewwel aggravju jista' jigi limitatament akkolt.

In vista tad-decizjoni infraskritta ma jidhirx opportun li f' dan l-istadju din il-Qorti ghandha tikkonsidra t-tieni aggravju tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tannulla l-provvediment maghmul mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Frar, 2009, u tordna li l-atti kollha jerghhu jintbaghtu lura lill-Ewwel Qorti biex l-appellant jerga' jitpogga fl-istat li kien wara li gie notifikat bir-rikors ta' Stephanie Briffa tas-26 ta' Marzu, 2008 u b' dana li l-atti l-ohra kollha relattivi w sussegwenti ghar-rikors ikunu jifformaw parti mill-process originali li kien inghalaq bis-sentenza tat-28 ta' Novembru, 2007 kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------